**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Raymond Aquilina)**
**(Spettur Luke Bonello)**

**Vs**

**Geatano Bonnici**

**Kaz Nru: 876/15**

Illum, 25 ta' Mejju 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Geatano Bonnici, ta' 57 sena, iben Cikku u l-mejta Tona xebba Micallef, imwieled Birkirkara nhar l-20 t' Ottubru 1957 u residenti Blokk E Flat 3 Triq Venerabbli Nazju Ellul u detentur ta' karta tal-identita' 706457(M):

1. Talli f'dawn il-gzejjer, fit-30 ta' Gunju 2015, u fis-snin ta' qabel ,b'diversi atti, ukoll jekk maghmulin fi zminijiet differenti izda jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

a) Wettaq kummerc bankarju jew ta' hrug ta' flus elettronici f'Malta jew minn Malta meta ma kienx kumpanija licenzjata taht l-Att dwar il-Kummerc Bankarju mill-awtorita kompetenti ai termini ta' l-artikolu 5 tal-kapitlu 371 u Avviz Legali 155 ta' l-1999 emendat bl-Avviz Legali 385 ta' 2003;

2. Kif ukoll talli f'dawn il-Gzejjer, fit-30 ta' Gunju 2015, u fis-snin ta' qabel, b'diversi atti, ukoll jekk maghmulin fi zminijiet differenti izda jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

   a) Wettaq kummerc ta' Istituzzjoni Finanzjarja f'Malta jew minn Malta u dan ai termini ta' l-artikolu 3 ta' l-Att dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji u l-Avviz Legali 357 ta' 2002 emendat bl-Avviz Legali 386 ta' 2003 billi nnegozja fi strumenti ta' swieq finanzjarju kif ukoll fi strumenti ohra finanzjarji li jistghu jigu trasferiti;

3. Kif ukoll talli f'dawn il-Gzejjer, fit-30 ta' Gunju 2015, u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti, ukoll jekk maghmulin fi zminijiet differernti izda jisru l-istess depozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

   a) Ircieva minghand xi hadd iehor jew kiseb minghand xi hadd iehor xi weghda li jinghataw, lilu jew lil ohrajn, b'korrispettiv ghal xi self, mghaxijiet jew xi qligh iehor taht liema ghamla jkun b'eccess minn dak li jkun permess bil-ligi;

4. Kif ukoll talli f'dawn il-Gzejjer, fit-30 ta' Gunju 2015, u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti, ukoll jekk maghmulin fi zminijiet differenti izda jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda

   a) Garr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun minghajr ma ghandu licenza jew permess minghand il-Kummissarju.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex tissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod generali il-flejjes u l-propjeta' mobbli jew immobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu jmiss lill-akkuzat jew huma propjeta' tieghu, kif ukoll sabiex il-Qorti tipprojbixxi lill-akkuzat milli jittrasferixxi jew xort' ohra jiddisponi minn xi propjeta mobbli jew immobbli, ai termini ta' l-Artikolu 22A tal-Ordinanza dwar il-medicini Perikoluzi, Kap 101 Ligijiet ta' Malta ta' l-Artikolu 5 ta' l-Att konra l-Money Laudering, Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta  u tal-Artikolu 23A tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9, Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li tapplika d-dispozizzjoni ta' l-artikolu 23 (A)(2) tal-Kodici Kriminali.

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi, tordna lill-imputat sabeix ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali skont is-subartikolu (4) tal-Artikolu 35 l-Att XV tal-1994 dwar il-Kummerc Bankarju, Kapitolu 371 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali skont is-subartikolu (5) tal-artikolu 22 l-Att tal-1994 dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji, Kapitolu 376 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u li huwa kkonferma l-istess ammissjoni wara li nghata zmien sabiex jikkunsidra l-posizzjoni tieghu.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant dawn gew sodisfacjentement ippruvati.

Illi inkwantu ghall-piena din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qieghed jinstab hati l-imputat, l-ammissjoni, u l-fedina penali tieghu. Mehud dan kollu in kunsiderazzjoni l-Qorti tqis li ghandha timponi piena ta' sentenza sospiza.

Illi hemm ukoll kwistjoni ohra li jehtieg li tigi determinata ossija dik tal-konfiska o meno tal-flus li gew ezebiti f'dawn il-proceduri. F'dawn l-atti gie ezebit l-ammont ta' €5,200 li nstabu fuq l-ammont meta saritlu t-tfittxija fuqu personali fit-30 ta' Gunju 2015.

Il-prosekuzzjoni talbet lill-Qorti sabiex tordna l-konfiska tal-oggetti kollha prezentati u ssostni li dan l-ammont huwa r-rikavat tar-reati mwettqa mill-imputat. Id-difiza ssostni li dan l-ammont m'ghandux jigi konfiskat fl-ewwel lok ghaliex m'hemmx prova in atti li dawn il-flus originaw mir-reita'; fit-tieni lok ghaliex gie ppruvat li l-imputat ghandu l-vizzju tal-loghob; u fit-tielet lok, ghaliex il-provenjenza tal-flus gejja mill-wirt ta' omm l-imputat.

Illi mir-ricerki ezebiti jirrizulta li l-imputat m'ghandu l-ebda beni mobbli u/jew immobbli. L-uniku introjtu li l-imputat ghandu huwa l-pensjoni tad-dizabilita' u assistenza medika. L-imputat xehed li huwa jghix ma' missieru u huh u li ma jhallix flus id-dar. Ommu dejjem tatu hafna flus izda huwa ghandu l-vizzju tal-loghob. Huwa sostna li l-flus ikunu ghandu biex jekk xi hadd jitlef waqt li jkun qieghed jilghab huwa jsellifhom.

Illi mill-ezami tal-provi din il-Qorti tinsab moralment konvinta li dawn il-flus li gew ezebiti huma rikavat tar-reati li wettaq l-imputat. Kif ammess mill-imputat stess huwa jsellef fuq l-idejn u jitlob imghax in eccezz ta' dak permess mil-ligi. Fl-istqarrija rilaxxjata minnu huwa qal li ilu madwar ghaxar snin isellef flus lil terzi persuni u naturalment kontra imghax. L-introjtu tieghu huwa baxx hafna u inkwantu ghad-dikjarazzjoni tieghu li l-flus gejjin minn wirt ta' ommu l-imputat ma ghamilx prova ta' dan sal-grad tal-probabbli. Ghalhekk il-Qorti se tordna wkoll il-konfiska tal-flus ezebiti.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti wara li rat l-artikolu 5 tal-Kapitolu 371 tal-Ligijiet ta' Malta u Avviz Legali 155 tal-1999 emendat bl-Avviz Legali 385 ta' 2003, l-artikolu 3 tal-Kapitolu 376 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Avviz legali 357 ta' 2002 emendat bl-Avviz Legali 386 ta' 2003, l-artikoli 18 u 298C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 6 u 51(7) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal sentejn (2) prigunerija li bl-applikazzjoni tal-artiklu 28A tal-Kapitolu 9

tal-Ligijiet ta' Malta qeghdin jigu sospizi ghal erba' (4) snin u inoltre' tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' elfejn u hames mitt ewro (€2,500).

Inoltre' bl-applikazzjoni tal-artikolu 23 tal-Kodici Kriminali qeghda tordna wkoll il-konfiska tal-oggetti kollha ezebiti inkluz ghalhekk l-ammont ta' €5,200.

Mill-provi prodotti ma jirrizultax li l-imputat ghandu xi beni mobbli u/jew immobbli x'jigu kkonfiskati u ghaldaqstant il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ghat-talba tal-prosekuzzjoni ghall-applikazzjoni tal-artikolu 23A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tastjeni wkoll milli tiehu konjizzjoni ulterjuri sabiex tikkundanna lill-hati ghal hlas tal-ispejjez tal-esperti billi ma rrizultax li kien hemm nominati xi esperti.

Il-Qorti spjegat lill-hati bi kliem car u li jinftiehem il-konsegwenzi jekk iwettaq reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Dr Josette Demicoli LL.D
Magistrat